**74. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi huwa maħsub fl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art (Kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjeta' tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (wkoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu.

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subartikolu li trasferiment kif imsemmi qabel jista' jsir "skond policy applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi b'riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Awissu 1976, il-Kamra tad-Deputati approva il-policy miġbura f'dokument anness ma' l-istess riżoluzzjoni għall-finijiet tal-paragrafu (b) ta' l-imsemmi artikolu;

U billi b'diversi riżoluzzjonijiet, il-Kamra tad-Deputati ġeddet ir-riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Awissu, 1976, kif emendata sal-31 ta' Mejju, 1983;

U billi skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (b) fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien sena mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara għal perjodu ieħor ta' sena jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat fir-riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija ta' l-4 ta' Awissu, 1976, terġa' tiġġedded sal-31 ta' Mejju, 1985.

18.05.1983

**Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament ressaq din l-emenda:**

Wara l-artikolu 11 tal-Policy dwar it-Trasferiment ta' Art tal-Gvern għall-għanijiet ta' l-artikolu 3(1) (b) ta' l-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, żid hawn iż-żewġ paragrafi li ġejjin:

**Trasferiment wara sejħa għall-applikazzjonijiet.**

12. Art tal-Gvern tista' tiġi trasferita wara sejħa għall-applikazzjonijiet fil-Gazzetta kemm-il darba l-kondizzjonijiet kollha tat-trasferiment nkluż il-korrispettiv jiġu mħabbra pubblikament;

B'dan li jekk ikun hemm aktar minn applikant wieħed li jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-għotja l-art tiġi trasferita lil dik il-persuna li isimha jittella' bix-xorti fost dawk li jkunu validament applikaw u ssodisfaw il-kondizzjonijiet kollha tal-għoja;

B'dan ukoll illi l-persuni kollha li jkunu applikaw validament, ikunu avżati bil-post u ħin fejn ser isiri it-tlugħ bix-xorti, u jkunu jistgħu jattendu għal dan it-tlugħ.

**Trasferiment ta' art f'xatt il-baħar**

13. Art tal-Gvern f'xatt il-baħar li fuqha nbniet xi kamra jew bini ieħor jew li qed isservi biex fuqha titqiegħed "caravan" tista' tiġi trasferita b'titolu ta' kiri għal mhux iżjed minn għaxar snin b'kera skond stima tal-Kummissarju tal-Artijiet u li fl-ebda każ ma tkun inqas minn Lm40 fis-sena;

B'dan iżda li l-bini bil-benefikati kollha fuqu, ħlief dak kollu li hu mobbli, jaqa' f'idejn l-Gvern f'għeluq il-kirja mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens.

**L-emenda għaddiet fis-Seduta 105 tal-25 ta' Mejju 1983.**